

Brussell, 14 ta' Mejju 2018  
(OR. en)

8797/18

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0087 (NLE)

---

---

SCH-EVAL 106  
ENFOPOL 221  
COMIX 248

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8293/18
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal- <b>Iżvezja</b> dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- <b>kooperazzjoni tal-pulizija</b>

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Mejju 2018.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

**RAKKOMANDEZZJONI**

**biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lill-Iżvezja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2017. Wara l-evalwazzjoni, ġie adottat rapport li jkopri r-riżultati u l-valutazzjonijiet, u li jelenka l-aħjar Prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)104.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) Fost il-punti b'saħħithom tas-sistema ta' kooperazzjoni tal-pulizija Żvediża hemm il-qafas ta' Kooperazzjoni Nordika, b'mod partikolari n-netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament, u l-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC), li issa huwa stabbilit sew, u r-rutini ta' ħidma tiegħu għall-iskambju internazzjonali tal-informazzjoni. L-Iżvezja żviluppat ukoll mudelli ta' prassi tajba bil-bini ta' netwerk ta' "Uffiċjali ta' Każijiet Internazzjonali" li jaħdmu f'diversi distretti tal-pulizija.
- (3) Fid-dawl tal-importanza li jkun hemm konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-aċċess u l-iskambju rapidi tal-informazzjoni u kondizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-qafas operazzjonali transfruntier, jinħtieġ li tingħata prijorità biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet 6, 8, u 9 ta' hawn taħt,
- (4) Jinħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, jinħtieġ li l-Istat Membru evalwat, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha sabiex ikun ikkoregūt kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u jipprovdi dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

#### B'DAN JIRRAKKOMANDA:

li l-Iżvezja għandha:

1. tikkunsidra li ttejjeb il-komunikazzjoni bejn ir-reġjuni Żvediżi tal-pulizija rilevanti dwar il-futur tal-kooperazzjoni transfruntiera;
2. tippromwovi aħjar l-Intranet tal-pulizija fost il-persunal tal-pulizija tagħha;
3. tikkunsidra li tiżviluppa l-funzjonalità biex tiġġenera data u statistika mis-sistema tal-ġestjoni tal-każijiet, DAR;

4. tikkunsidra li tippromwovi u ttejjeb ir-rappurtar konsistenti tal-iskambji internazzjonali kollha ta' informazzjoni permezz ta' mezzi u strutturi xierqa (eż. il-PCCCs, l-ICOs, is-SIENA);
5. tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' komunikazzjoni sikura, b'has-SIENA, għal-LOs flimkien mas-sħab Nordiċi;
6. tiżviluppa għodda unifikata ta' tiftix għall-bażijiet tad-data nazzjonali u internazzjonali kollha;
7. tisfrutta kemm jista' jkun il-possibilitajiet tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-bażi tad-data tal-EURODAC għal finijiet ta' infurzar tal-liġi;
8. timplimenta malajr id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (id-Deċiżjoni VIS);
9. ittejjeb l-edukazzjoni bażika, it-taħriġ u l-għarfien tal-persunal tal-pulizija fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u l-possibilitajiet ta' tiftix f'bażijiet tad-data internazzjonali;
10. ittejjeb il-ġbir tal-istatistika dwar l-operazzjonijiet transfruntieri (b'mod partikolari dwar l-insegwimenti transfruntieri u s-sorveljanza transfruntiera) imwettqa fil-fruntieri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*